**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 12 ta' Lulju, 2017**

**Rikors Numru: 116/2010 MLF**

**Marthese Camilleri**

**vs**

**David Libreri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Marthese Camilleri fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha is-somma ta' hamest elef tmin mija u erbghin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€5,840.88) rapprezentanti hlas ghal materjal u xoghol rimedjali li ghandu jsir gewwa l-fond Nru 24, Triq Rigu, B'Kara flimkien, mal-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Perit Arkitett James Farrugia u l-imghax legali u li jitlef kull jedd fuq kwalunkwe somma minnu pretiza.

Rat ir-risposta tal-konvenut David Libreri li eccepixxa:

1. Illi preliminarjament jigi rilevat li l-avviz (rikors) promotur hu wiehed nebuluz u jehtieg jigi ccarat.

2. Illi l-eccipjent kien gie inkarigat mill-attrici sabiex jesegwixxi xogholijiet ta' plumbing, installazzjoni ta' sistema elettrika u tqeghid ta' madum u twahhil ta' ceramika u xoghol iehor relatat, inkluz il-fornitura ta' materjal, f'fond tal-attrici li jinsab f'Birkirkara, liema xoghol gie esegwit mill-eccipjent, izda hu baqa' ma thallasx ghax-xoghol minnu esegwit, u ghaldaqstant qieghed jipprezenta talba rikonvenzjonali f'dan ir-rigward.
3. Illi jekk kien hemm xi nuqqasijiet hfief fix-xoghol minnu esegwit, l-eccipjent mill-ewwel wera ruhu dispost li jirrimedja ghall-istess, izda l-attrici rrifjutat li tikkopera u minflok ma gie ezercitat ftit buon sens, l-attrici rrikorriet ghall-Qorti mill-ewwel. F'dan is-sens ukoll l-azzjoni attrici hi wkoll intempestiva, u jidher li l-uniku interess tal-attrici hu li tipprova tarrikkixxi ruhha ingustament a skapitu tal-eccipjent.
4. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

Rat it-talba rikonvenzjonali (kontro-talba) ta' David Libreri fejn espona:

1. Peress illi l-konvenut rikonvenjent kien gie inkarigat mill-attrici rikonvenuta sabiex jesegwixxi xogholijiet ta' plumbing, installazzjoni ta' sistema elettrika u tqeghid ta' madum u twahhil ta' ceramika u xoghol iehor relatat, inkluz il-fornitura ta' materjal, fil-fond tal-attrici li jinsab f'numru 24, Triq Rigu, Birkirkara.
2. U peress illi l-hlas dovut lill-konvenut rikonvenjent mill-attrici rikonvenuta ghal dan ix-xoghol esegwit minnu u materjal ipprovdut minnu jammonta ghal tlett elef erba' mija u erbgha u tmenin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€3,484.85c), skont ma jirrizulta ahjar mill-annessi Dokumenti DL 1 u DL 2.
3. U peress illi l-attrici rikonvenuta qieghda tirrifjuta ingustament li thallas lill-konvenut rikonvenjent din is-somma.

   Tghid l-attrici rikonvenuta ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata minn din il-Qorti:

   1. Li thallas lill-konvenut rikonvenjent David Libreri s-somma ta' tlett elef erba' mija u erbgha u tmenin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€3,484.85c) dovuta lilu mill-attrici rikonvenuta kif hawn fuq spjegat, prevja dikjarazzjoni li l-konvenut rikonvenjent esegwixxa x-xogholijet u forna l-materjal skont id-Dokumenti DL 1 u DL 2 annessi fil-fond f'Birkirkara tal-attrici rikonvenuta, u dan prevja kull dikjarazzjoni ohra mehtiega.

      Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-attrici rikonvenuta.

Rat ir-risposta tal-attrici rikonvenzjonata Marthese Camilleri ghall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonat David Libreri fejn eccepiet:

1. Illi, l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonat hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi respinta;
2. Illi l-konvenut rikonvenzjonat, kien gie inkarigat mill-attrici rikonvenuta sabiex jesegwixxi xogholijiet ta' plumbing, installazzjoni ta' sistema elettrika u tqeghid ta' madum u twahhil ta' ceramika u xoghol iehor relatat, inkluz il-fornitura ta' materjal, fil-fond ta' l-attrici li jinsab f'numru 24, Triq Rigu, Birkirkara;
3. Illi x-xogholijiet imsemmija ma sarux skond id-dettami tas-sengha u l-arti li l-professojni tal-konvenut rikonvenzjonat tirrikjedi u ghalhekk, l-attrici rikonvenuta toggezzjona bil-qawwa kollha ghal hlas tal-kontijiet mahruga mill-konvenut rikonvenzjonat, liema kontijiet gew annessi mal-kontro talba tieghu, li ghaliha qeghda issir din ir-risposta;
4. Illi l-attrici rikonvenuta kienet gharrfet lill-konvenut rikonvenzjonat b'dan kollu, qabel u kif wkoll wara, illi huwa kien lesta mix-xogholijiet in kwistjoni, illi dawk ix-xogholijiet kienu saru hazin u talbitu sabiex jirrimedja, izda huwa baqa' inadempjenti anke wara li intbaghtet l-ittra ufficjali datata 3 ta' Marzu 2010, hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A';
5. Illi premess illi issa ghandu jsir ix-xoghol rimedjali kollu minhabba dak li sar hazin mill-konvenuta rikonvenzjonat, l-ispejjez ta' dan ix-xoghol rimedjali kif ukoll tal-materjal huma a karigu tal-konvenut, liema somma giet stmata li tammonta ghal hamest elef tmin mija u erbghin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€5,840.88), somma rapprezentanti xogholijiet rimedjali illi ghandhom isiru fil-fond in kwistjoni, materjal illi necessarjament ghandu jinxtara kif ukoll spejjez peritali kif indikat mill-kwotazzjonijiet immarkati Dok 'C', 'D', 'E' u 'F', annessi mal-ittra ufficjali surriferita mibghuta mill-attrici premessa;
6. Illi l-attrici rikonvenuta ser izzomm fermi d-drittijiet kollha taghha f'dan ir-rigward u titlob ukoll il-flusijiet kollha mhallsin jew iddepozitati mal-konvenut rikonvenzjonat tax-xoghol minnu rez b'mod hazin u inaccettabbli filwaqt illi zzomm lill-istess konvenut responsabbli ghad-danni u spejjez kollha li hi inkorriet u ser tinkorri kagun tal-bzonn ta' xogholijiet rimedjali.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' din l-istanza, u l-imghax legali, kollha kontra il-konvenut.

Rat li b'digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru 2010, din il-Qorti innominat lill-Perit Alan Saliba sabiex jirrelata dwar il-kaz, wara li jisma' l-provi kollha.

Semgħet ix-xhieda tal-Perit Alan Saliba u rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati, inkluz ir-rapport tal-istess Perit;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici.

Rat li l-konvenut baqa' ma pprezentax nota ta' sottomissjonijiet risponsiva fit-terminu lilu prefiss.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Fix-xhur ta' qabel Mejju 2009, l-attrici kkummissjonat lill-konvenut biex jaghmel xogholijiet ta' installazzjoni li kienu jikkonsistu fl-impjant tad-dawl, mghodija tal-wiring, twahhil ta' madum, soffit tal-gypsum, extraction system tal-arja, twahhil ta' sound-system u xogholijiet ohra ancillari fil-kamra tal-banju, tal-fond taghha gewwa B'Kara.
2. Kienu l-haddiema tal-konvenut li effettivament ghamlu dan ix-xoghol.
3. L-attrici ma kinietx sodisfatta bix-xoghol li sar mill-konvenut, ghaliex skond hi ma sarx skond l-arti u s-sengha, u kkunsultat lill-Perit James Farrugia li kkonfermalha li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha, u li skond hu biex tirranga l-kamra kellha taqla' kollox u terga' tibdija mill-gdid.
4. Ghaldaqstant, l-attrici irrifjutat li thallas lill-kovenut ghax-xoghol li kien ghamel, u istitwiet dawn il-proceduri biex tigi kkumpensata tax-xogholijiet rimedjali li kien se jkollha taghmel.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Kwistjoni Preliminari – L-Eccezzjoni tal-Intempestivita tal-Azzjoni*

Fit-tielet eccezzjoni tieghu ghar-rikors promotur, il-konvenut eccepixxa l-intempestivita tal-azzjoni. Apparti li mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet ilmentat mieghu diversi drabi ghal mod kif kienu gew espletati x-xogholijiet, u l-konvenut kien qalilha li dawk l-affarijiet jitrangaw. Fis-26 ta' Marzu 2010, l-attrici baghtet lill-konvenut ittra ufficjali fejn oggezzjonat ghal kont ta' €3,484.85, li kien baghtilha, u dan stante li skond hi ma kienx wettaq ix-xoghol ikkummissjonat lilu skond is-sengha u l-arti, u dan kagun tal-imperizja, traskuragni u inkompetenza tieghu.

Din l-ittra ufficjali giet notifikata lill-konvenut fid-19 t'April 2010. L-attrici intavolat ir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri fis-7 ta' April 2010. Ghalhekk huwa vera li l-konvenut gie notifikat bl-ittra ufficjali, wara li l-attrici intavolat dawn il-proceduri. Pero' kif diga inghad, mill-provi jirrizulta li l-attrici ilmentat kemm-il darba mal-konvenut dwar il-kwalita' tax-xoghol li kien qed isir, u l-konvenut, anke f'dawn il-proceduri, baqa' jinsisti li l-maggoranza assoluta tax-xoghol esegwit minnu gie esegwit tajjeb.

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tarax li l-attrici kienet obbligata li taghti pre-avviz lill-konvenut li kienet se tistitwixxi dawn il-proceduri, qabel fil-fatt istitwiethom.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

*Il-Meritu*

Il-konvenut esegwixxa xogholijiet ta' dawl, ilma u drenagg, tqeghid ta' madum u installer tal-fittings, caqquf u suffett tal-gibs fil-kamra tax-shower fil-fond tal-attrici. Fix-xhieda taghha, l-attrici qalet li qed titlob li terga' taghmel il-kamra mill-gdid b'madum gdid tal-istess qies eskluz ic-caqquf, ix-shower u l-fittings. Ghalkemm fil-kontro-ezami taghha l-attrici ppromettiet li tipprezenta prospett dwar ix-xogholijiet rimedjali li jridu jsiru, dan il-prospett baqghet qatt ma ipprezentatu.

Fix-xhieda tieghu, il-konvenut jipprova jiddefendi ruhu billi jghid li hadem fuq il-materjal li ipprovdietlu l-attrici, u ghamel dak li qaltlu jaghmel l-attrici. Hu stess xehed *inter alia* hekk: *"L-attrici qaltli issa dak il-materjal ghandha u biex inkompli. Il-klijenta ma tifhimx u minkejja li nfurmajtha li x-xoghol kien gej hazin qaltli biex inkompli."*[1] F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 t'April 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Francica et v. Buhagiar**, fejn gie ritenut hekk: *"Bosta drabi gie ribadit mill-Qrati illi l-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'il quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu 'l quddiem, izda galadarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol dejjem jibqa' obbligat u responsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti u spondet peritam artis u hu obbligat li jirresisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent, u ghalhekk mhux legalment validu l-argument li x-xoghol ma sarx sewwa ghax hu ghamlu kif riedu l-kommittent … …"*[2] Konsegwentement, s-sottomissjoni tal-konvenut li hu hadem fuq il-materjal li ipprovdietlu l-attrici u mexa mal-istruzzjonijiet taghha ma jezemihx mir-responsabbilita – la darba kien jaf li dan il-materjal, u/jew il-materjal wahdu, u/jew l-istruzzjonijiet taghha ma kienux konducenti biex hu jesegwixxi l-appalt skond dak li tirrikjedi l-arti u s-sengha.

Il-konvenut qasam ix-xoghol minnu esegwiti f'zewg invoices – Dok DL1 u Dok DL2 annessa mat-talba rikonvenzjonali tieghu.

L-invoice Dok DL1 hija intitolata *"Electrical & Mechanical Services"* u hija fl-ammont ta' €1,409.38. Ix-xogholijiet jitrattaw plumbing and drainage works, u m'humiex kontestati hlief ghall-ispeaker u l-extractor.

Skond ir-rapport tal-Perit Tekniku Saliba, l-ispeaker kien wiehed komuni u kien imsaddad, u bniedem tas-sengha ghandu jkun jaf li tali speaker ma jiflahx ghal fwar u livelli gholja tal-umdita li jkun hemm, u konsegwentement ma jahdimx sew, apparti li jsaddad f'qasir zmien, kif fil-fatt gara fil-kaz odjern. Ghalhekk f'dan ir-rigward il-Perit Tekniku stima x-xogholijiet rimedjali fl-ammont ta' €100 sabiex isir ix-xiri u installazzjoni ta' speaker gdid. Il-Perit

[1] Ara xhieda tal-konvenut a fol. 113 u 114.
[2] Ara wkoll fl-istess sens **Muscat Biagio v. Falzon Anthony** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri) 12 ta' Mejju 2003.

Tekniku kompla jghid hekk *"L-ammont "extra" sabiex minflok jinxtara "waterproof speaker" (madwar €130) mhux qed jigi kkunsidrat kontra l-konvenut billi dan l-ammont kellha in ogni kaz tonfqu zejjed l-attrici.*

Dwar l-extractor system, il-Perit Tekniku jghid hekk: *"l-attrici tissottometti li ma tahdimx sewwa, ma tressqet l-ebda prova dwar dan u dan l-allegat difett lanqas biss jissemma fir-rapporti tal-perit tal-attrici. Anzi l-attrici tghid "kemm il darba nhalliha mixghula il-hin kollu" u ghalhekk jidher li din qed tahdem."* Meta gie mistoqsi in eskussjoni kif jispjega din il-konkluzjoni tieghu, meta fil-kamra kien hemm hafna moffa, il-Perit Tekniku qal li kien hemm ragunijiet ohrajn li setghu ikkagunaw il-moffa, imma l-extractor kien wiehed tal-qies addattat ghal kamra li fiha twahhal.

Ghalhekk mill-invoice Dok DL1, din il-Qorti m'hi se tnaqqas l-ebda ammont stante, li l-prezz tax-xiri u installazzjoni ta' speaker gdid gie inkluz fil-konkluzjoni finali tieghu.

Rigward l-invoice Dok DL2, din hija intitolata *"Plumbing, Tiles and soffit installation in shower room"* u hija ghall-ammont ta' €2,075.47. Din l-invoice hemm elenkati x-xogholijiet ta' plumbing, point tad-dawl tal-mera, installazzjoni tac-caqquf, tqeghid ta' madum u suffett tal-gibs. L-ahhar zewg xogholijiet huma dawk principalment kontestati ghal dak li jirrigwarda kwalita' ta' xoghol.

Il-Perit Tekniku qabel mal-attrici li kien hemm nuqqasijiet gravi fix-xoghol tal-madum partikolarment dawk li jirrigwardaw madum mhux livell, fili mhux indaqs, madum ma jaqlibx u toqob wisghin madwar il-fittings, ix-xogholijiet rimedjali jikkonsistu fil-qlugh ta' dan il-madum u tqeghid mill-gdid. Madum ta' dan it-tip, meta jinqala jitkisser u ma jigix salvat u ghalhekk dan ix-xoghol jitlob ukoll il-fornitura ta' madum gdid. Dan ix-xoghol jirrikjedi wkoll it-tnehhija u l-istallazzjoni mill-gdid tal-istess fittings u c-caqquf. Pero' l-Perit Tekniku rritjeni li l-madum tal-mozajk ghandu jigi salvat ghax ma kienx hemm kontestazzjoni fuqu.

Rigward is-suffett tal-gibs, il-Perit Tekniku ikkonkluda li dan is-suffett waqa' wara li fallew is-supports tieghu bil-konsegwenza li l-boards inqatghu minn mac-channels u waqghu ghal isfel fejn anke tqacctet ic-channel. Huwa jirrimarka li jekk kien hemm problemi ta' perkolazzjoni ta' ilma li l-konvenut kien jaf bihom minn qabel, setghu ittiehdu

prekawzjonijiet mill-istess konvenut u mhux suffett f'kamra daqstant zghira jaqa' f'inqas minn sentejn minn meta twahhal. Ghalhekk huwa ikkonkluda li ma hemmx dubbju li dan is-suffett ma kienx installat kif titlob l-arti u s-sengha.

Il-Perit Tekniku ikkonstata wkoll illi l-point tad-dawl tal-mera ma kienx komplut billi ma sarx wiring, u fil-fatt dan il-fatt ma hux kontestat mill-istess konvenut.

Fuq l-ilment tal-attrici dwar is-setting hazin tat-toilet set, li eventwalment tkisser, il-Perit Tekniku ikkonkluda li kien dover tal-attrici li tiehu hsieb li dan is-setting (li hija haga pjuttost zghira) isir mill-ewwel, sabiex jigu limitati danni fir-rigward.

Rigward l-allegazzjoni tal-attrici tal-hsara fil-*"parquet"* li hemm barra l-kamra tax-shower u fil-bieb li qed issirilhom hsara bl-ilma u l-fwar li johrog mill-kamra, il-Perit Tekniku ikkonkluda li l-attrici ma resqitx provi f'dan ir-rigward, apparti li hija kellha mezzi sabiex tillimita din l-allegata hsara, fosthom b'mizuri sabiex ikun hemm aktar ventilazzjoni u inqas tixrid ta' ilma.

L-attrici ma qablitx ma xi stimi li ghamel il-Perit Tekniku ghax-xoghol rimedjali li jrid isir, ghax hi gabet stimi f'ammont ghola. Il-Perit Tekniku fix-xhieda tieghu spjega kif wasal ghal dawk l-istimi u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-istimi tal-Perit Tekniku – li huwa espert indipendenti – u huwa ben konsapevoli tal-prezz ragonevoli tal-materjal u x-xoghol fis-suq.

Il-Perit Tekniku ikkonkluda r-relazzjoni tieghu hekk:

*"4.1 Jirrizulta xoghol mhux skont l-arti u s-sengha fit-tqeghid tal-madum tal-hitan u tal-art u fl-installar tas-suffett mill-konvenut.*

*4.2 suffett gdid u kif ukoll xogholijiet minuri ohra. Dawn ix-xogholijiet jirrikjedu wkoll il-qlugh u l-installar mill-gdid tal-fittings ezistenti."*

Il-Perit Tekniku stima x-xoghol rimedjali li ghandu jsir hekk:

1. Installar ta' speaker gdid € 100.00

| | | |
|---|---|---|
| 2. | Qlugh u rimi ta' madum | € 300.00 |
| 3. | Xiri ta' madum gdid | €1,333.00 |
| 4. | Tqeghid u grouting tal-madum | € 900.00 |
| 5. | Qlugh u installer tas-suffett | € 450.00 |
| 6. | Wiring tal-point tal-mera | € 40.00 |
| | Subtotal dovut lill-attrici | €3,532.00 |
| | 18%VAT | € 634.14 |
| | Subtotal dovut lill-attrici | €4, 157.14 |

Minn dan l-ammont, il-Perit Tekniku imbaghad naqqas l-ammont intier pretiz mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu ta' €3,484.85, li minnhom l-attrici ma hallset xejn. Bid-dovut rispett, din il-Qorti ma tistax taqbel mar-ragunament tal-Perit Tekniku. Fis-sentenza **Joseph Brownrigg nomine vs Mario Spiteri** deciza fis-27 ta' Gunju 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3] irriteniet hekk: *"Jekk id-difetti ikunu ta' certa gravita, l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-"exceptio non rite adempleti contractus" ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas (**Francis Spiteri nomine vs Emmanuele Cassar**, Appell Civili 14 ta' Marzu 1975). Jekk minn naha l-ohra, d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati (**Vol. XXX PII p 433**) jew jaccetta riduzzjoni (**Angelo Busuttil vs Pio Fedele et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 9 ta' April 1968; **John Bonnici nomine vs Anthony Sammut**, Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994; **Victor Tabone vs Felix Mifsud**, Prim'Awla, Qorti Civili, 5 t'Ottubru 1994)."*

Fl-avviz promotur, l-attrici talbet li din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut tilef kull jedd ghal kwalunkwe somma pretiza minnu, ghax naturalment ma adempiex l-obbligi kontrattwali tieghu. Mill-provi jirrizulta li l-konvenut adempixxa sodisfacentement parti mill-obbligi kontrattwali tieghu, partikolarment dawk elenkati fid-Dok DL1, pero' rigward it-tqeghid tal-madum u is-suffett jirrizulta mill-provi li d-difetti kienu gravi tant li s-suffett waqa' wahdu u jrid jerga' jsir, u l-Perit Tekniku kien ukoll tal-opinjoni li l-madum irid jerga' jinqala' u jerga' jsir. Ghalhekk dan ix-xoghol tal-konvenut ma kien ta' ebda utilita' lill-attrici. Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-konvenut ghandu jithallas ta' xogħolu, iżda għandu jaċċetta riduzzjoni fil-prezz minħabba dawk l-oggetti elenkati mill-Espert Tekniku, li palesament ma sarux skond l-arti u s-sengha.

Fl-opinjoni tal-Qorti, l-ammonti li ghandhom jitnaqqsu mill-prezz pretiz mill-attur huma ta' €838.57 ghat-tqeghid tal-madum u €316.59 fir-rigward tal-istallazzjoni tas-soffit tal-gypsum – kif elenkati fl-invoice tieghu Dok DL2. Ma dawn l-ammonti ghandu jizdied il-VAT, u ghalhekk l-ammont totali li ghandu jigi mnaqqas mill-prezz pretiz mill-konvenut huwa ta' €1360.85. Ghalhekk l-ammont totali dovut lill-konvenut huwa ta' €2,124.00.

Fl-avviz promotur l-attrici talbet r-rifuzjoni tal-ispejjez li inkorriet biex qabdet perit, li ghamlilha r-rapporti. Quddiem il-Perit Tekniku, l-attrici ma gabitx prova ta' dawn l-ispejjez imma l-Perit Tekniku illikwida l-ammont addizzjonali ta' €300 ghall-ispejjez tal-perit ex parte tal-attrici.

Wara li l-Perit Tekniku pprezenta r-relazzjoni tieghu, fis-seduta tas-6 ta' April 2016, l-attrici ipprezentat nota fejn maghha kien hemm annessi *inter alia* fotokopja ta' zewg ircevuti fiskali tal-perit ex parte tal-attrici. Dawn l-ircevuti gew ipprezentati wara li l-provi tal-partijiet kienu maghluqa u ghalhekk din il-Qorti m'hix se tiehu konjizzjoni taghhom, izda se tiehu biss konjizzjoni tal-ammont li l-Perit Tekniku illikwida ghall-ispejjez tal-perit *ex parte* tal-attrici. Ghalhekk l-ammont total dovut lill-attrici hu ta' €4,457.14.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghar-rikors promotur;

2. Tilqa' limitatament it-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici limitatament l-ammont ta' erbat elef, erba' mija u seba' u hamsin Euro u erbatax-il centezmu (€4,457.14), bl-imghax legali, u tichadha ghall-kumplament;

3. Tilqa' limitatament l-eccezzjonijiet fir-risposta tal-attrici ghat-talba rikonvenzjonali;

4. Tilqa' limitatament it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, u tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut limitatament l-ammont ta' elfejn, mija u erba' u ghoxrin Euro

(€2,124.00), bl-imghax mid-data tal-lum sal-hlas effettiv; u tichadha ghall-kumplament.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**